IL-KNISJA F'MALTA

UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI
Arċidjoċesi ta' Malta

13 ta' Mejju 2017
38/2017

**ITTRA PASTORALI GĦALL-ELEZZJONI ĠENERALI 2017**

NERFGĦU R-RESPONSABBILTÀ TAGĦNA

L-Elezzjoni Ġenerali hi ġrajja importanti ħafna fil-ħajja tas-soċjetà Maltija. Se nagħżlu lil min se nafdaw it-tmexxija ta' pajjiżna fis-snin li ġejjin.

Din hi responsabbiltà serja fuq spallejna li titlob minna li nippreparaw ruħna sew ħalli nagħmlu deċiżjoni infurmata.

Hi responsabbiltà li titlob minna li nivvutaw skont il-kuxjenza, li tfisser li quddiem Alla nagħrfu dak li hu veru u xieraq, u nagħżlu dak li hu tassew għall-ġid komuni u għal soċjetà ġusta. Il-vot tagħna hu tweġiba għad-domanda: x'tip ta' soċjetà rridu għalina lkoll u għall-ġenerazzjonijiet futuri?

Hi responsabbiltà li titlob minna li nagħżlu persuni ta' għaqal u integrità, li jgħożżu u jħaddnu l-valuri etiċi li nemmnu fihom. Ewlieni fosthom hu l-valur tal-ħarsien tal-ħajja umana mill-ewwel mument tat-tnissil tagħha sat-tmiem naturali tagħha, u tar-rispett lejn id-dinjità ta' kull bniedem.

Inħeġġu lil kulħadd biex naqdu dmirna b'responsabbiltà, u nitolbu d-dawl u l-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu ħalli nagħmlu d-deċiżjoni t-tajba.

Nitolbu biex fi kliemna u għemilna nkunu mmexxija dejjem bi spirtu ta' djalogu, ta' rispett kbir lejn il-verità u lejn xulxin, ukoll lejn min jaħsibha differenti minna.

Nagħtukom il-barka pastorali tagħna.

✠ **Charles J. Scicluna**
Arċisqof ta' Malta

✠ **Mario Grech**
Isqof ta' Għawdex

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1,
Floriana, FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**